MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 377/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar 1987 u kellhom hamest itfal, E (16-il sena), F (14-il sena), G (8 snin), H (6 snin) u I (4 snin).

Peress illi l-konvenut rrenda ruhu hati verso l-attrici ta' adulterju, sevizzi u ingurji gravi.

Peress illi z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment tort ta' l-istess konvenut.

Peress illi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal firda personali ai termini ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 30 ta’ Lulju 2004.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija tal-konvenut.

2. Tikkomina a favur l-attrici l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-artikoli 48 u 51 tal-Kaptiolu 16 kontra l-konvenut.

3. Tordna lill-konvenut jirestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha u jhallasha l-krediti personali taghha.

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G, H u I f’ idejn l-attrici b’ access kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti ghall-konvenut u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F f’ idejn il-konvenut b’ access kif stabbilit min din l-Onorabbli Qorti ghall-attrici.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, kemm ghall-attrici kif ukoll ghall-ulied minuri li jigu fdati fil-kura u l-kustodja taghha.

6. Ixolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b’ talba li l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici

Bl-ispejjez kontra l-konvenut millum ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-listi tax-xhieda u l-affidavits;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut minhabba tortijiet da parti tieghu fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Mill-kumpless tal-provi jirizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Frar 1987, u minn dan iz-zwieg ghandhom hamest-it tfal li erba' minnhom ghadhom minorenni, u cioe' F [17], G [11], H [9] u I [7], u li fil-prezent l-ahhar tlieta jghixu ma' l-attrici, filwaqt li F tghix mal-konvenut flimkien ma' ohtha li llum hija maggjorenni.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa hati ta' komportament abbusiv fil-konfront ta' l-attrici ghal perijodu ta' zmien bir-rizultat li dina kellha titlaq mid-dar matrimonjali flimkien mat-tlett uliedha kif fuq indikat. Matul il-konvivenza matrimonjali hija sfat vittma ta' vjolenza fisika da parti tar-ragel taghha li wkoll kien jattribwixxi lil-martu l-adulterju ma' ragel anzjan. Hi tghid li l-konvenut ukoll kien jisforzaha sabiex jkollha x' taqsam mieghu b' mod mhux normali.

L-attrici tghid ukoll li, ghalkemm taf li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien jaqla' zgur Lm280 kull erba xhur; izda minn mindu telqet mid-dat huwa ma vversa ebda flus bhala manteniment, la ghaliha, peress li ma tahdimx, u lanqas ghat-tlett ulied minuri li ghandha maghha.

Illi mill-kwadru premess jikkonfiguraw is-sevizzi u l-ingurja gravi, fit-termini ta' l-artikolu 40, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici.

**Kura u Kustodja**

Illi l-Qorti taqbel mat-talba ta' l-attrici, fl-interess tat-tfal, li l-minuri G, H u I jibqghu jghix ma' ommhom li qeda tigi

fdata bil-kura u kustoda taghhom, filwaqt li l-minuri F tibqa' tghix mal-missier li qed jigi fdata bil-kura u kustodja taghha.

Illi l-access tal-missier favur it-tlett minuri G, H u I ikun kull nhar ta' Sibt mill-10.00 am sal-12.00 pm bil-kundizzjoni li l-minuri ma jittiehdux fi hwienet tax-xorb u l-access m' ghandux isir fil-kazini. L-access ta' l-omm ghal bintha F ghandu jigi regolat bi ftehim bejniethom stante l-eta' ta' din il-minuri.

**Manteniment**
Illi il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta' mija u tmenin lira maltin [Lm180] kull erba gimghat li ghandhom jitnaqqsu direttament mill-paga tieghu, mill-imghallem tieghu, u jintbaghtu direttament lill-attrici; rapprezentanti in kwantu ghal Lm80 bhala manteniment ghall-attrici, filwaqt li l-kumplament ta' Lm100 bhala manteniment ghat-tfal.

Ic-children's allowance u kull beneficju socjali dovuti ghat-tfal G, H u I ghandhom jintbaghtu mid-dipartiment koncernat direttament lill-attrici.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**
Illi mill-affidavit taghha jidher li l-attrici mhux qed tippretendi la l-inkwilinat tad-dar matrimonjali u lanqas l-ghamara li hemm go fiha, u lanqas qeda tippretendi l-vettura GAH - 448; izda qeda tippretendi sehemha fi flus, kif ukoll tad-depositu bankarju minnha ndikat. Ghaldaqstant, u fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-partijiet, il-Qorti, filwaqt li tassenja lill-konvenut sehem l-attrici mill-inkwilinat tad-dar matrimonjali, l-ghamara hemm ezistenti, kif ukoll tal-vettura fuq indikata, tordna li l-konvenut jikkompensa lill-attrici billi jghaddi lill-istess is-somma komplessiva ta' hames mitt lira maltin [Lm500] fissa mill-Qorti *arbitrio boni viri*.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba htija tal-konvenut;

[2] Tilqa' t-tieni talba, limitatament ghad-dispost tal-paragrafi [b] u [d] tas-sub inciz [1] ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;

[3] Tichad it-tielet talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[4] Tilqa' ir-raba talba, fit-termini tal-kontenut tal-paragrafi that l-intestatura Kura u Kustodja;

[5] Tilqa' il-hames talba, fit-termini tal-kontenut tal-paragrafi that l-intestatura Manteniment;

[6] Tilqa' s-sitt talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett millum, u tordna l-assenjazzjoni kif indikat fil-paragrafi that l-intestatura Kommunjoni ta' l-akkwisti; u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' hames mitt lira maltin [Lm500] kif fuq indikat;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, salv ghal dawk relatati mat-talba numru tlieta [3] li ghandhom jbqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------